**4 ta' Mejju, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A. LL.D. A.R. HIST.S.**

Alfred Piscopo

*versus*

Direttur tas-Servizzi Soċjali

## Kontumaċja – Ġustifikazzjoni

*Meta l-konvenut ma kellu ebda mezz biex jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet waqt lil kien għadu għaddej it-terminu għax ma kienx personalment irċieva kopja taċ-ċitazzjoni, għandu jingħata terminu ġdid sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet, anke jekk iċ-ċitazzjoni ma kinitx waslet f'idejh minħabba traskuraġni jew inkompetenza ta' l-impjegati tiegħu stess.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien jirċievi għajnuna soċjali konsistent din l-għajnuna f'*children's allowances, bonus, relief* u għajnuna fuq il-mard;

Premess illi d-dipartiment tas-servizzi soċjali fil-11 ta' Marzu 1983, kif jirriżulta biċ-ċar mill-annessa ittra rreġistrata mmarkata bħala Dok. A qabad u tterminalu l-preċitati għajnuna soċjali għaliex deherlu li l-attur kien qed jinganna l-istess dipartiment meta hu kien qed jiddikjara li kien disokkupat;

Premess *illi in effetti huwa għadda proċess kriminali fuq* il-materja quddiem il-Maġistrat Anton Depasquale u ħareġ illiberat b'sentenza ta' l-istess Qorti ta' l-20 ta' Lulju 1987;

Premess illi l-konvenut kien interpellat bosta drabi biex jirrifondilu lura dik is-somma lilu dovuta f'benefiċċju u għajnuna soċjali li kienet ġiet lilu miċħuda, anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 25 ta' Mejju 1989;

Talab għalhekk l-attur lil din il-Qorti: –

1. Tillikwida dik is-somma dovuta lill-attur konsistenti din is-somma f'arretrati ta' għajnuna soċjali kif fuq spjegat, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas dik is-somma hekk likwidata lill-attur;

Bl-ispejjeż u l-imgħax kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Illi dan li ġej huwa relatat u limitat għall-punt dwar jekk *il-konvenut huwiex ġustifikat li jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu* jew inkella le;

Semgħet ix-xhieda tal-konvenut;

Ittrattat il-punt mid-difensuri rispettivi tal-partijiet;

Wara li kkunsidrat li f'din il-kawża jirriżulta li għalkemm saret notifika valida, il-konvenut in effett spiċċa biex qatt ma nġieb a konjizzjonji tal-preżentata taċ-ċitazzjoni jekk mhux **wara** li kien skada t-terminu ta' għoxrin jum (20) impost mil-liġi tal-proċedura għall-preżentata ta' nota ta' eċċezzjonijiet;

Illi huwa minnu li d-deposizzjoni mogħtija mill-konvenut, għalkemm waħda kandida u inekwivoka, ma tantx tagħti impressjoni tajba ta' kompetenza, dixxiplina u effiċjenza fid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, ta' lanqas dik li għandha x'taqsam *mar-Reġistru* jew *ma' min huwa inkarigat* mill-atti li jiġu riċevuti minn barra. Il-konvenut ma seta' jgħid xejn bi preċiżjoni dwar din iċ-ċitazzjoni – la min irċeviha, la min ħa ħsieb eventwalment ikellmu dwarha, la min wassalha fl-uffiċju ta' l-Avukat Ġenerali. In kontro-eżami, il-konvenut ta s-segwenti 'eluċidazzjonijiet' *inter alia* u ċjoè: –

"Wara li vverifikajt x'jiġri minnhom atti bħal dawn jiena sibt lill-persuna li tkun addetta hemmhekk jiddeċidi hu lil min

jappartjeni dan l-att. Meta saqsejt fuq dan il-każ għall-fini ta' verifika, ma setgħux ikunu ċerti eżattament x'sar. Mingħajr ma kien hemm timbru xejn apparentement qabdu u bagħtuh is-*section*.....".

"Sal-mument li ntbagħtet għand l-Avukat Ġenerali jiena ċ-ċitazzjoni ma kontx rajtha.....";

Illi mis-*suespost* tidher żgur inkompetenza u/jew negliġenza da parti ta' l-addetti tal-konvenut però ma jidhirx li **sal-mument li kien għadu għaddej it-terminu ta' 20 jum kellu xi kontroll jew mezz l-istess konvenut għalhiex jirrispondi.** Issir hawn riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Paul Grixti *vs* Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**" mogħtija fit-12 ta' Diċembru 1975 u konfermement - anki b'ċertu ammont ta' riżerva u riluttanza - tammetti lill-konvenut għall-fini ta' preżentata ta' nota ta' eċċezzjonijiet;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiddikjara li l-konvenut iġġustifika l-kontumaċja tiegħu u għalhekk tilqa' t-talba tiegħu kontenuta fir-rikors tiegħu datat 14 ta' Frar 1990, u tagħtih il-fakoltà li jippreżenta tali nota fi żmien għoxrin (20) jum mil-lum b'dana però li **kwalsiasi spejjeż** ġudizzjarji għal dan l-inċident u deċiżjoni jitħallsu mill-konvenut.